MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAĠISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Il-Pulizija
(Spettur Louise Calleja)

versus

Diana Gatt u Gharz Eddin Hesham

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Diana Gatt nee Seychell ta' 35 sena mart Henry Gatt bint il-mejjet Albert Sechell u Jessie Mary nee Chetcuti imwielda Melbourne l-Australja fil-25 ta' Settembru, 1968 u residenti Flat 4 Coronation Flats Triq San Dwardu Birgu u detentriċi tal-karta ta' l-identita' numru 51199(M)

U

Kontra  Gharz Eddin Hesham ta’ 25 sena iben Sakar Gharz Eddin u Soraya nee Mourad imwieled Tripoli l-Libja fl-1 t’April, 1978 u residenti Flat 4 Coronation Flats Triq San Dwardu, Birgu, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ 23124(A)

Kontra Diana Gatt weħidha:

Akkużata talli f’dawn il-gżejjer fit-28 ta’ Diċembru, 2002 bħala mara miżżewġa lil Henry Gatt u fil-waqt li kien iseħħ dan iż-żwieġ leġittimu, għamlet żwieġ ieħor

Kontra Għarz Eddin Hesham waħdu:

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fis-snin 2002 u 2003 b’xi mod li kien kien  xjentement għen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitti u cioe’ lil Michelle Camilleri u lil Diana Gatt fl-atti li bihom id-delitti ta’ Bigamija ġew ippreparati jew ikkonsmati

Kontra Gharz Eddin Hesham u Diana Gatt flimkien:

Talli f’dawn il-gżejjer assoċjaw ruħhom ma’ xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f’Malta li għalih hemm piena ta’ priġunerija u cioe’ delitt ta’ Bigamija

Rat l-atti kollha tal-kawża kif ukoll id-dokumenti ppreżentati.

Rat l-ammissjoni ta’ l-imputati għall-imputazzjonijiet magħmula kontrihom.

Rat ukoll, li wara li ngħataw ħin biżżejjed biex jaħsbuha, l-imputati baqgħu issostnu l-ħtija tagħhom.

Għaldaqstant l-imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-Liġi.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensur ta' l-imputati kif ukoll ir-risposta ċara tal-Prosekuzzjoni li Diana Gatt żgur kienet taf x'qed tagħmel waqt li kienet qed tiċċelebra t-tieni żwieġ.

Ikkunsidrat li r-reati msemmija huma serjissimi u għadhom hekk meqjusa mhux biss mil-Liġi tagħna iżda wkoll mil-Ligijiet barranin. (Ara fost l-oħrjan Archbold: Bigamy: Kap 31 paġina 2538 et.) L-istitut taż-żwieġ ma jistax jitħarbat kapriċjożament u huwa ċar fil-Liġi tagħna li wieħed ma jistax jidħol fit-tieni żwieġ (Ara: Kap 255 artikolu 6 – restrizzjonijiet fuq iż-żwieġ). Iż-żwieġ mhux xi ħaġa privata iżda pubblika u għalhekk isiru t-tnehdijiet għaliex huwa importanti li dan l-avveniment jingħata pubbliċita' biex jekk ikun hemm impediment serju li jkun ċelebrat iż-żwieġ, iż-żwieġ ma jkunx ċċelebrat. Għalhekk, quddiem ir-reġistratur wieħed jiddikjara bil-ġurament li m'hemm ebda impediment biex l-applikant jiċċelebra ż-żwieġ. (Ara artikolu 7 tal-Kap 255).

Min-natura tiegħu ż-żwieġ huwa kuntratt indissolubbli u jirrekjedi l-unita', jiġifieri l-għaqda ma' persuna waħda. Ma jistax wieħed jgħaddi għat-tieni żwieġ jekk l-ewwel wieħed ma kienx dikjarat null taħt l-artikolu 19 jew 19A jew mit-Tribunal skond il-Kap 255. Jista' wieħed ukoll ikun ħa sentenza ta' divrozju minn Qorti barranija u dan ikun jista' jiġi reġistrat f'Malta taħt l-artikolu 33 ta' l-istess Kap. Is-separazzjoni de facto jew de lege mhix biżżejjed biex wieħed jiċċelebra żwieġ ieħor u f'dan il-każ id-dover ta' lealta' lejn il-parti l-oħra jibqa' fis-seħħ.

Il-Leġislatur iqis ir-reati msemmija aktar 'il fuq bħala ta' detriment serju għas-soċjeta' u li għandhom ikunu puniti severament.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 28A, 42(d), 48A, u 196, tal-Kap 9 issib lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet magħmulin kontriehom. Wara li qieset li huma rreġistraw

ammissjoni bikrija f'dawn il-proċeduri qed tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal sentejn (2) priġunerija sospiżi għal erba' (4) snin. Il-Qorti fehmet lill-imputati bi kliem sempliċi xi jfisser l-artikolu 28A tal-Kap 9.

MAĠISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------